# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Żammit)**

**vs**

**Carmel Briffa u Carmela Portelli**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Carmel Briffa li għandu l-karta tal-identita' bin-numri 483363(M) u l-imputata Carmela Portelli li għandha l-karta tal-identita bin-numri 66565M u li permezz tagħhom dawn l-imputati ġew imħarka talli fit-23 ta' Diċembru 2014 għall-ħabta tal-17:30 waqt li kienu fir-residenza tagħhom fi Triq Bice Mizzi Vassallo, f'Santa Luċija – inġurjaw jew heddew, b'mod mhux imsemmi fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk kienu provokati, inġurjaw b'mod li ħarġu l-barra mill-limiti tal-provokazzjoni lil Nazzareno Ferriggi u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Il-fatti fil-qosor : -</u>***

Li mix-xiehda prodotti l-parte civile jtenni li fid-data in kwistjoni kien għamel kwerela lill-Pulizija Eżekuttiva wara li l-imputata Carmela Portelli bdiet tfarfar il-gaġġa tal-għasfur għal fuq il-parapett tiegħu u meta ġibdilha l-attenzjoni għal dan hija offendietu u anke kelmitu ħażin u offendietu b'difett li huwa għandu f'għajnejh. Aktar tard wasal l-imputat Carmel Briffa li wkoll wara li kkonfrontah offendieh.

Minn naħa tagħhom l-imputati stqarrew li kien il-parte ċivile li pprovokahom wara li kien qabad jgħajjat mal-imputata Portelli li kienet fuq il-bejt tagħha tfarfar il-gaġġa fuq iċ-ċinta tal-bejt il-ġewwa u mhux il-barra. Hija tgħid li huwa beda jgħajjat u saħansitra ħarġu n-nies u beda jkellimha b'mod inġurjuż. Aktar tard wara li ċemplet lil Carmel Briffa, dan ġie u staqsa lil parte civile għaliex kien qiegħed iġib ruħu hekk mal-partner tiegħu. Kien il-parte civile li kelmu ħażin.

***Il-motivazzjonijiet tas-sentenza***

Il-Qorti ssib li mill-provi ħareġ ċar li dan ma kienx l-ewwel episodju ta' konfrontazzjoni bejn l-imputati u l-parte civile – tant li kellhom diġa kawżi oħra fil-passat. Il-Qorti moralment konvinta li fil-fatt intqal il-kliem offensiv u inġurjuż indirizzat versu l-parte civile kif ġie reklamat minnu. Pero tenut kont tal-preċedenti bejn il-partijiet u l-isfond ta' relazzjonijiet evidentement pessimi bejniethom, qajla temmen l-iskriminanti tal-provokazzjoni sollevata.

***Id-Deċide : -***

Għaldaqstant din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali qegħdha ssib lill-imputati Carmel Briffa u Carmela Portelli ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontrihom.

Fiċ-ċirkostanzi tqis li l-piena ideonja għandha tkun dik kontemplata fl-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Nazzareno Ferriggi u sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, minflok il-piena altrimenti komminabbli minn din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali qegħda torbot lill-ħatja taħt obbligazzjoni tagħhom infushom għall-perjodu ta' sena millum u dan taħt penali t'elf euro (€1000).

*Mogħtija illum il-21 t'April 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.*

*Aaron M. Bugeja.*